MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2006

Numru 1234/1234

Il- Pulizija
(Spettur Pierre Micallef Grimaud)

-vs-

Liam Mangion

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Liam Mangion ta’ 25 sena, bin William Paul u Pauline nee’ Paterson, imwieled Aberdeen (Scotland) fit- 18 ta’ Dicembru 1980 u joqghod Federal Flats / 2, Triq San Luigi, Msida, numru tal- Karta tal- Identita’: 12881M

Talli fis- 17 ta’ Lulju 1999, ghall habta tal- 11.30 pm, gewwa St. Andrew’s minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ haddiehor f’ periklu car, ikkaguna hsara fil- gisem jew fis- sahha, u cioe’ offiza ta’ natura

gravi fuq il- persuna ta’ Kieth Balzan, skond ma ccertifika t- tabib Dr. Stephen Muscat M.D. tal- Isptar San Luqa, u din bi ksur tal- Artikolu 214 tal- Kapitolu 9, tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat in- nota ta’ l- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Ikkunsidrat,

1. L- Avukat ghar- Reppublika qieghed jixli lill- akkuzat bir- reati taht l- artikoli 214 (offiza fuq il- persuna) u 215 (is- sura ta’ l- offiza, hafifa jew gravi) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta. L- artikoli l- ohra (ara fol 54), 216, 217, 218, 20, 23, 533 jirreferu skond il- hsara fil- gisem, ghall- piena u l- konfiska tal- *corpus delicti*.

2. Jirrizulta li fis- 17 ta’ Lulju 1999 fil- ghodu x- xhud Adrian Darmanin kien fl- Isprach Café f’ St. Andrews ma xi hbieb. Gie l- akkuzat imberghen ghax Kieth Balzan kien hariglu mat- tfajla tieghu. Darmanin cempel lil Balzan fejn gharrfu x’ gara u x’ intqal mill- akkuzat. Ix- xhud Ramon Farrugia kien ghand Balzoan meta saret it- telefonata u jaf biha.

3. Tard filghaxija ta’ l- istess jum Kieth Balzan, Alessandro Giulano, Ramon Farrugia u Adrian Darmanin marru fl- Isprach Café. Fil- post jahdmu l- akkuzat, Balzan u Alessandro Giuliano. Imma fil- ghaxija ma kienx xoghol. Kien xoghol l- akkuzat bhala DJ. Fil- post ipoggu studenti barranin. L- erba persuni fuq imsemmija marru biex isibu lill- akkuzat mhabba dak li gara fil- ghodu. Adrian Darmanin u Kieth Balzan dahlu ‘gewwa sal- bistro illi ma genbu stess hemm id- disco u ‘rajna li kien hemm Liam qed idoqq u tlaqna ‘l barra, poggejna bil- qeghda barra’ (fol 19). Balzan kien qed ikellem tour leader Germaniza u

Liam dak il- hin hareg minn gol bistro, meta ghalaqlu l- hin tax- xoghol. Mill- bar kien gab pitcher tal- plastic u tazza. L- affarjiet bdew bil- kliem sakemm hdejn il- pool tal- post sahan kollox u l- akkuzat tefgha l- pitcher fuq Balzan u laqghatlu rasu u garalu tazza mill- qrib hafna u hekk ikkagunalu skond Dottor Stephen Muscat ferita f' wiccu li skond hu kienet 'grievious'. (fol 43).

4. Kieth Balzan u Adrian Darmanin ipprovokaw lill- akkuzat u marru fil- post ghalhekk. Min naha l- ohra l- akkuzat hejja minn qabel il- pitcher u t- tazza. Il- Qorti qabel ma ghaddiet ghas- sentenza meta kienu instemghu il- provi kollha zammet seduta apposta biex tara kif ghadda wicc Kieth Balzan. Baqa' sinjali tal- ferita li giet kagunata bit- tgarar ta' tazza tal- hgieg mill- qrib. Il- gerha kientet ikklassifikata gravi u gabet sfregju fil- wicc.

Il- Qorti minhabba r- ragunijiet fuq imsemmija ssib lill- akkuzat hati li fis- 17 ta' Lulju 1999 ghal- habta tal- 11.30p.m. gewwa St. Andrew's minghajr il- hiseb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta' haddiehor f' periklu car ikkaguna ferita gravi, sfregju fuq il- persuna ta' Kieth Balzan kif jirrizulta mill- provi. Issib lill- akkuzat hati.

Rat l- art. 216 (1) (b), 218 (1) (b) tal- Kap 9 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta u qed issib lill- akkuzat hati tar- reati taht dawn l- artikli u mhux hati tar- reat taht l- artikolu 217. Rat l- artiklolu  tal- Kap 446 tal- Ligijet ta' Malta stante il- kondotta nadifa tal- akkuzat ma bediex l- intimat hu stante li llum il- partijiet m' ghandhom x' jaqsmu xejn izjed ma xulxin u t- tnejn huma mizzewga, u ser tapplika lilu.

Ghalhekk fil- waqt li ssibu hati tilliberah taht il- provedimenti ta' l- art 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta b' dan li ma jghamilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum. Il- Qorti qed tfisser lill- hati l- import ta' din is- sentenza. Il- *corpus delicti* jidher li diga tnehha u ma saru l- ebda spejjez ta' perizji (art 533 tal- Kap 9).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------